MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 1271/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2112/2009 fl-ismijiet :-**

**Louis Farrugia ID 870552(M) u Josephine Farrugia mart l-istess Louis Farrugia ID 495853(M)**

***kontra***

**Perit Lawrence Montebello ID 300845(M) u Marie Claire Cassar ID 187271(M) personalment u in rappresentanza ta` C&M Developments Limited C11624**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tal-Perit Lawrence Montebello u ta` Marie Claire Cassar f`isimhom propju u ghan-nom u in

rappresentanza tas-socjeta` C & M Developments Limited prezentat fid-29 ta` Dicembru 2009 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu lil din il-Qorti sabiex thassar ghal kollox fil-konfront taghhom il-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2112/09 ghar-ragunijiet mahsuba fl-Art.836(1) (d) u (f) tal-Kap.12 u b`applikazzjoni tal-penali kif mahsub fl-Art.836(8) tal-Kap.12.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta` Jannar 2010 (fol 4) fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati Louis u Josephine konjugi Farrugia, tathom sebat ijiem zmien biex iwiegbu u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nahr it-Tnejn 18 ta` Jannar 2010 fid-9.00 a.m.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta` Jannar 2010 (fol 20-21).

Rat in partikolari l-verbal tad-difensur tar-rikorrenti fejn irrileva li wara l-presentata tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 2112/09 l-intimati ma pprezentawx il-kawza fit-terminu stabbilit mil-ligi u ghalhekk issottometta li din il-Qorti kellha tirrevoka fejn id-digriet ta` din il-Qorti tas-7 ta` Jannar 2010 kien jipprovdi ghan-notifika tal-intimati b`sebat ijiem zmien ghar-risposta u minflok kellha tiddekreta r-rikors odjern *in camera*.

Rat li l-intimati, wara li taw ruhhom b`notifikati bir-rikors fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2010, wiegbu ghall-verbal tad-difensur tar-rikorrenti permezz tad-difensur taghhom billi sostnew li l-Mandat ta` Sekwestru Nru. 2112/09 baqa` veljanti fil-konfront tal-kumpannija C & M Properties Limited bis-sahha tal-kontrotalba li l-intimati pprezentaw fil-kawza li kienet istitwita kontrihom mill-istess C & M Properties Limited.

Rat ukoll il-verbal tad-difensur tal-intimati fl-istess udjenza fejn wara li kkonstata li r-rikorrenti fil-kwalita`

personali taghhom ma kienux segwew b’kawza l-Mandat ta` Sekwestru li kienu pprezentaw kontra l-intimati huma kienu se jirrevokaw il-Mandat ta` Sekwestru taghhom kontra r-rikorrenti fil-kwalita` personali taghhom.

Rat il-KontroMandat Nru.72/2010 prezentat mill-intimati fit-18 ta` Jannar 2010 fejn iddikjaraw li *ma ghandhomx interess illi l-mandat* (u cioe` dak bin-Nru.2112/09) *jibqa` jsehh fil-konfront tal-Perit Lawrence Montebello u Marie Claire Cassar personalment filwaqt li jzommu firm fil-konfront ta` C & M Developments Limited C11624.*

Rat il-kopja legali tal-Mandat ta` Sekwestru Nru.2086/09 li C & M Developments Limited C11624 (rapprezentata mill-Perit Lawrence Montebello u minn Marie Claire Cassar) ipprezentat kontra l-intimati fit-18 ta` Dicembru 2009.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti Montebello u Cassar fil-kwalita` personali taghhom fl-istess udjenza tat-18 ta` Jannar 2010 fejn inghad li ghalkemm l-intimati kienu rrevokaw il-Mandat de quo fil-konfront taghhom huma baqghu jinsistu xorta wahda fuq it-talbiet taghhom kif dedotti fil-procedura tal-llum.

Rat ir-risposta tal-intimati fir-rigward tal-procedura odjerna ntavolata mir-rikorrenti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, qalu li t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda tal-Perit Lawrence Montebello u ta` Louis Farrugia fl-udjenza tat-23 ta` Frar 2010.

Rat in-nota tal-intimati a fol 43 sa 52.

Rat in-nota tar-rikorrent Montebello a fol 53.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta’ Mejju 2010 fejn ir-rikorrenti, permezz tad-difensur taghhom, iddikjaraw, bla pregudizzju, li wara li jigu esegwiti x-xogholijiet, spejjes tal-partijiet, li kienu indikati f`laqgha bonarja bejn il-partijiet, ir-rikorrenti kienu disposti li jirtiraw il-mandat ta` sekwestru kontra l-intimati, b’dan illi l-kawza ghad-danni kontra l-intimati u l-kontrotalba tal-intimati jibqghu fis-sehh kif ukoll li l-intimati jirtiraw il-Mandat ta` Sekwestru kontra l-intimati. Kien dikjarat ukoll li r-rikorrenti kienu disposti jirtiraw il-Mandat taghhom kontra l-intimati hekk kif jitlestew ix-xogholijiet. Inoltre kien dikjarat li fil-mori tal-kawza ir-rikorrenti ma kenux sejrin jitolbu l-hrug ta` mandat kawtelatorju iehor kontra l-intimati sal-esitu finali.

Rat il-verbal tal-intimati b`risposta fejn fl-istess udjenza permezz tad-difensur taghhom accettaw li jcedu l-Mandat anke kontra C & M Developments Limited dment li l-proceduri fil-meritu kienu sejrin jibqghu fis-sehh.

Rat il-verbal tar-rikorrenti C & M Developments Limited fl-udjenza tat-13 ta` Lulju 2010 fejn, permezz tad-difensur taghha, iddikjarat li kienet lesta tirtira l-Mandat ta` Sekwestru taghha fil-konfront tal-intimati purche` l-intimati jirtiraw il-Mandat ta` Sekwestru taghhom fil-konfront taghha.

Rat il-verbal tar-rikorrenti Montebello u Cassar fil-kwalita` personali taghhom fl-udjenza tat-13 ta` Lulju 2010 fejn zammew ferma t-talba taghhom ghad-danni u pnali fil-konfront tal-intimati.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Ottubru 2010 fejn min-naha taghhom ir-rikorrenti baqghu jsostnu t-talba taghhom skond l-Art.836(8) tal-Kap.12, filwaqt skond l-

intimati, il-ftehim taax-xogholijiet ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet li wasslu ghad-disputa ta` bejniethom kien intiz li jkun konklussiv u ma kienx mahsub sabiex izomm impregudikati l-proceduri odjerni kontra r-rikorrenti Montebello u Cassar fil-kwalita` personali taghhom.

Rat l-atti ta’ din il-procedura fl-assjem taghhom.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-14 ta` Ottubru 2010 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti hadet il-briga li tirreferi ghall-verbali skambjati bejn il-partijiet unikament sabiex tenfasizza l-fatt li, ghalkemm il-vertenza fil-mertu ta` bejn il-kumpannija rikorrenti u l-intimati baqghu mpregudikati, ghal dak li kellu jirrigwarda l-Mandati kawtelatorji li l-partijiet ipprezentaw kontra xulxin sabiex jikkawtelaw l-istanzi taghhom, dik kienet materja li kellha titqies f`kuntest ghal kollox differenti.

Fl-istadju ta` din il-procedura, huwa evidenti li l-partijiet sabu *modus vivendi* ghaqli ntiuz unikament sabiex ma jkabbrux is-saram ta` bejniethom, u ghalhekk ghazlu li jintraprendu xogholijiet fil-fondi rispettivi taghhom sabiex, filwaqt li min-naha wahda ma jkabbrux il-problema fil-mertu, jarginawha u jillimitawha biss, jew almenu, saz-zmien meta saru x-xogholijiet.

Din il-Qorti tirrikonoxxi li kollox sar bla pregudizzju ghall-posizzjonijiet reciproci tal-partijiet fil-mertu inkluz tal-intimati.

Irrizulta li, qabel l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet, il-Mandat tal-intimati kontra r-rikorrenti Montebello u Cassar fil-kwalita` personali taghhom kif ritirat.

Irrizulta wkoll sa mill-bidu nett li r-rikorrenti Montebello u Cassar proprio insistew fuq l-applikazzjoni tal-penali skond l-Art.836(8) tal-Kap.12.

Illum nafu wkoll li, wara li kienu ezegwiti ix-xogholijiet patwiti bla pregudizzju bejn il-kumpannija rikorrenti u l-intimati, kienu rtirati kemm il-Mandat ta' C & M Developments Limited kontra l-intimati, kif ukoll dak tal-intimati kontra C & M Developments Limited.

Mela fl-14 ta` Ottubru 2010, u cioe d-data li fiha din il-Qorti halliet ir-rikors tal-lum ghal provvediment *in camera*, ma kienx ghad hemm mandati kawtelatorji bejn il-partijiet naxxenti mill-kwistjonijiet taghhom fil-mertu.

L-unici punti *in sospeso* bejn il-partijiet baqghu :

(a) l-applikazzjoni tal-Art.836(8) tal-Kap.12 a favur tar-rikorrenti Montebello u Cassar de proprio kontra l-intimati ; u

(b) il-kap tal-ispejjez tal-procedura tal-lum.

Dwar it-talba ghall-hlas tal-penali, din il-Qorti tghid li l-Art.836(8) tal-Kap.12 jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun presentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie presentat dak l-att f'numru specifikat ta' kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-Art. 836(8).

Fil-kaz tal-lum, huwa mill-aktar evidenti li l-intimati pprezentaw il-Mandat de quo *anke* kontra r-rikorrenti

Montebello u Cassar de proprio minghajr l-icken gustifikazzjoni. Irrizulta nfatti li l-legittimu kontradittur taghhom kienet il-kumpannija rikorrenti.

Ir-rikorrent mhux kontradett li kagun tal-Mandat de quo tal-intimati huwa garrab telf.

Mhix fondata s-sottomissjoni tal-intimati li x-xogholijiet intrapresi bla pregudizzju bejn il-partijiet irrisolvew kwalsiasi pendenza mar-rikorrenti Montebello u Cassar de proprio ghad-differenza tal-kumpannija C & M Developments Limited.

Din il-Qorti tghid li, minghajr l-ebda raguni plawsibbli, l-Mandat tal-intimati ma kellux ghalfejn jolqot lir-rikorrenti Montebello u Cassar personalment u l-ebda ftehim, anke jekk bla pregudizzju, ma jirrizulta li hassar minimament il-konsegwenzi negattivi, mhux kontestati, li r-rikorrent Montebello garrab personalment.

Ghalhekk din il-Qorti tghid li hemm lok ghall-imposizzjoni tal-penali skond l-Art.836(8) limitatament a favur tar-rikorrent Montebello proprio.

Issa l-ligi taghti margini ta' diskrezzjoni lill-Qorti fir-rigward tal-quantum tal-penali.

Din il-Qorti tghid li t-talba sabiex il-Mandat tal-intimati jolqot <u>ukoll</u> lir-rikorrenti Montebello u Cassar kienet affrettat ghall-ahhar, saret minghajr kawtela, u bla bzonn. U din il-Qorti ma tistax la tittollera agir bhal dan, u lanqas tippermettieh, ghaliex mhux dak huwa l-iskop ta' mandat kawtelatorju f'ordinament guridiku bhal taghna li huwa fondat *on the rule of law*. Att kawtelatorju anke min-nomenklatura tieghu huwa intiz sabiex ihares il-kreditu f'kaz ta' decizjoni favorevoli ghall-kreditur - skond l-Art 829

tal-Kap. 12 “sabiex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-kreditur”.

Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax li l-intimati kellhom xi pretensjoni kontra r-rikorrenti Montebello u Cassar fil-kwalita` personali taghhom.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, din il-Qorti qeghda tiffissa l-penali fl-ammont ta’ elfejn u tlitt mitt Ewro (€2300) limitament fil-konfront tar-rikorrent Montebello.

**Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, din il-Qorti qeghda –**

**Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 2112/09 fl-ismijiet “Louis Farrugia et vs Prit Lawrence Montebello et noe” stante li dak il-Mandat m’ghadux aktar fis-sehh fl-intier tieghu.**

**Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-imposizzjoni ta` penali skond l-Art.836(8) tal-Kap.12 a favur tar-rikorrenti Marie Claire Cassar u tal-kumpannija C & M Developments Limited (C11624).**

**Tghid li ghandha tkun imposta penali a tnur tal-Art.836(8) tal-Kap.12 kontra l-intimati a favur tar-rikorrent Perit Lawrence Montebello wahdu, u ghalhekk tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-istess Perit Lawrence Montebello penali fl-ammont ta’ elfejn u tlitt mitt Ewro (€2300).**

**Tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------